



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.5.2016
COM(2016) 243 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Evalwazzjoni ex post tat-Tieni Programm tas-Saħħa 2008-2013
skont id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE li tistabilixxi t-tieni
programm ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa (2008-2013)**

{SWD(2016) 148 final}

{SWD(2016) 149 final}

1. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni hija meħtieġa skont l-Artikolu 13(3)(c) tad-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE¹ li tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni evalwazzjoni *ex post* esterna u indipendenti² li tkopri l-implimentazzjoni u r-riżultati tat-tieni Programm tas-Saħħa.

Dan ir-rapport jippreżenta l-Programm fil-qosor u jiġbor il-konklużjonijiet ewlenin mill-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u dawk *ex post*. Jiddeskrivi wkoll tliet oqsma, fejn l-implimentazzjoni tat-Tielet Programm tas-Saħħa attwali tista' titjeb.

2. It-Tieni Programm tas-Saħħa (2008-2013)

It-Tieni Programm tas-Saħħa kien l-istrument ewlieni biex tiġi appoġġjata l-koordinazzjoni tal-politika dwar is-saħħa u implimentata l-istrateġija tal-UE 2008-2013 dwar is-saħħa *Flimkien għas-Saħħa*³ f'konformità mal-prijoritajiet tal-istrateġija tal-Ewropa 2020.⁴

2.1. L-objettivi tal-Programm

L-għan ġenerali tal-Programm kien li jikkumplimenta, jappoġġja u jżid valur lill-politiki tal-Istati Membri u jikkontribwixxi għal aktar solidarjetà u ġid fl-Unjoni Ewropea permezz tal-protezzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-bniedem kif ukoll permezz tat-titjib fis-saħħa pubblika.

Il-Programm iffinanzja azzjonijiet bl-għan li jikseb tliet objettivi ewlenin:

- i. *itejjeb is-sigurtà tas-saħħa taċ-ċittadini* u jipproteġihom mit-theddid għas-saħħa u l-emerġenzi, bħal pandemiji jew diżastri naturali;
- ii. *jippromwovi s-saħħa u jnaqqas l-inugwaljanzi tas-saħħa* madwar l-Ewropa, kemm jekk relatati mal-istil ta' ħajja, bħall-aċċess għall-opportunitajiet għal attività fiżika, jew relatati mal-kura tas-saħħa, bħall-aċċess għall-intervent mediku meħtieġ; u u
- iii. *jiġġenera informazzjoni dwar is-saħħa u għarfien dwar is-saħħa u jqassamhom* lill-partijiet rilevanti, mill-pubbliku ġenerali għal dawk li jfasslu l-politika u l-professjonisti tas-saħħa.

2.2. Implimentazzjoni tal-Programm permezz ta' azzjonijiet prijoritarji u mekkaniżmi finanzjarji

Skont l-Artikolu 168 tat-TFUE, l-Unjoni għandha thegħeġ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, u tappoġġja l-azzjoni tagħhom, inkluż permezz ta' stabbiliment ta' linji gwida u indikaturi, l-organizzazzjoni ta' skambju tal-aħjar prattika u appoġġ għall-monitoraġġ u evalwazzjoni. Ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għad-definizzjoni tal-politika tagħhom dwar is-saħħa u għall-organizzazzjoni u t-twassil tas-servizzi tas-saħħa u kura medika għandhom jiġu rispettati.

¹ Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa (2008-13) (ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3–13).

² Ir-rapport tal-evalwazzjoni esterna huwa meħmuż, b'sommarji eżekuttivi bl-Ingliż u l-Franċiż.

³ COM(2007) 630 final, 23.10.2007.

⁴ COM(2010) 2020 final, 3.3.2010.

L-azzjoni li ttieħdet fil-kuntest tal-Programm kienet konformi mar-rwol tal-UE fil-politika dwar is-saħħa kif stabbilit fl-Artikolu 168 tat-Trattat u fi ħdan il-limiti tiegħu. Ġew imfassla azzjonijiet biex jittieħed approċċ strateġiku b'fokus fuq dawk l-inizjattivi speċifiċi li jżidu kemm jista' jkun il-valur miżjud tal-UE. B'hekk, l-implimentazzjoni kkonċentrat fuq il-prijoritajiet ewlenin għall-iżvilupp ekonomiku u t-tkabbir. Dawn l-azzjonijiet prijoritarji jikkontribwixxu għal popolazzjoni aktar b'saħħitha, sistemi ta' kura tas-saħħa li jiffunzjonaw tajjeb u għal żvilupp teknoloġiku u xjentifiku.

Il-Programm kien imfassal fuq l-istess linji bħall-Ewwel Programm tas-Saħħa Pubblika, iżda l-kamp ta' applikazzjoni ġie estiż lil hinn mill-kwistjonijiet "klassiċi" tas-saħħa pubblika, bħall-promozzjoni tas-saħħa u l-protezzjoni minn mard li jittieħed, waqt li ġie estiż ukoll għal approċċi ġodda bħas-saħħa elettronika u l-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa, u għall-prodotti mediċinali. Fil-firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet li kellhom jiġu koperti, mill-2010, ġew issimplifikati il-programmi prijoritarji biex dawn jiffokaw aktar fuq l-istrateġija tal-Ewropa 2020. Il-punt tat-tluq huwa l-kunċett li s-saħħa hija prerekwiżit għall-irkurpu ekonomiku u t-"tkabbir inklużiv", u l-fatt li s-settur tas-saħħa jattira interess għall-innovazzjoni u għall-investment "intelliġenti".

Fuq il-bażi tad-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE, il-Kummissjoni stabbilixxiet prijoritajiet fil-programmi ta' ħidma annwali, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istati Membri li jservu fuq il-Kumitat tal-Programm. Implimentazzjoni tal-Programm ġiet fdata lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel (CHAFEA), li organizzat is-sejħiet u ssorveljat il-proċeduri ta' evalwazzjoni li wasslu għall-għoti ta' kofinanzjament għall-aħjar azzjonijiet. CHAFEA għadha tmexxi l-għotjiet u l-kuntratti li għadhom għaddejjin u tqassam l-outputs tal-azzjonijiet u r-riżultati tal-Programm.

Ġie stabbilit netwerk informali ta' punti fokali nazzjonali biex jgħin liċ-CHAFEA tippromwovi l-Programm u tqassam ir-riżultati. Bl-appoġġ tagħhom, ġew organizzati jiem ta' tagħrif nazzjonali, saru konferenzi ta' disseminazzjoni u ġie tradott materjal informattiv stampat.

Barra mill-għotjiet għall-proġetti u l-offerti pubbliċi, ġew introdotti mekkaniżmi ġodda ta' finanzjament mill-bidu tal-Programm fil-forma ta' azzjonijiet konġunti, għotjiet operattivi, konferenzi u għotjiet diretti lil organizzazzjonijiet internazzjonali.

Il-proġetti jintużaw biex jesploraw firxa wiesgħa ta' oqsma u mekkaniżmi eżekuttivi, u biex inizjattivi ta' politika dwar is-saħħa jiġu avanzati b'mod innovattiv, kważi bħal "proġetti pilota". Dawn jirrappreżentaw l-akbar sehem tal-baġit tal-Programm disponibbli. Madankollu, matul il-Programm, il-proporzjon tal-baġit iddedikat għall-proġetti tnaqqas favur azzjonijiet konġunti u sejħiet għall-offerti. Dan kien ukoll ir-riżultat ta' sforz biex il-programm jikkonċentra fuq ftit azzjonijiet ewlenin li jinvolvu kemm jista' jkun imsieħba, idealment mill-Istati Membri kollha, biex jiġi ġġenerat momentum għal impatt usa'.

Is-sejħiet għall-offerti jintużaw biex isiru studji, evalwazzjonijiet u sħarriġ speċifiċi li huma meħtieġa għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika dwar is-saħħa u l-leġiżlazzjoni tal-UE, pereżempju r-regoli li jirregolaw il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-użu ta' prodotti mediċinali. Dawn jintużaw ukoll għal azzjonijiet xprunati mill-Kummissjoni b'kamp ta' applikazzjoni u objettivi konkreti ħafna, bħat-tfassil u l-eżekuzzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ u eżerċizzji mal-Istati Membri li għandhom l-għan li jiżviluppaw il-kapaċità li tindirizza s-sitwazzjonijiet ta' emerġenza estrema.

L-azzjonijiet konġunti huma tip ta' mekkaniżmu finanzjarju, introdotti għall-ewwel darba mat-tieni Programm tas-Saħħa, biex jappoġġjaw il-kooperazzjoni tal-Istati Membri f'oqsma ta' rilevanza politika għolja. L-azzjonijiet konġunti magħżula għamlu kontribuzzjoni partikolari għall-oġettivi tal-Ewropa 2020 ta' "tkabbir intelliġenti u inklużiv". L-azzjonijiet konġunti huma ta' spiss ir-riżultat ta' kooperazzjoni twila bejn l-awtoritajiet u l-partijiet interessati rilevanti u għandhom l-għan li jiżguraw l-impenn politiku u l-approvazzjoni tar-riżultati tal-awtoritajiet tal-Istat Membru u jottimizzaw il-koordinazzjoni tal-politika. L-azzjonijiet konġunti normalment jiżviluppaw, jikkondividu u jittestjaw l-għodod, il-metodi u l-approċċi għal kwistjonijiet jew attivitajiet speċifiċi, u jinvolvu t-tiżni tal-kapaċità. Il-gwadann għall-Istati Membri involuti f'termini ta' għarfien u esperjenza skambjati huwa maħsub li jkun sostanzjali u f'xi każijiet iwassal għall-iffrankar tanġibbli tal-ispejjeż. Għal din ir-raġuni, il-Programm ifittex l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli mill-Istati Membri kollha.

L-għotjiet operattivi ntużaw għall-ewwel darba fit-Tieni Programm tas-Saħħa biex jappoġġjaw l-ispejjeż ta' funzjonament ta' organizzazzjonijiet pan-Ewropej mhux governattivi u netwerks speċifiċi.

L-għotjiet għal konferenzi, introdotti ukoll mal-Programm, intużaw biex jappoġġjaw il-konferenzi ċentrali tas-saħħa taħt kull presidenza tal-UE u biex jikkofinanzjaw, permezz ta' sejħa għall-offerti kompetittiva annwali, konferenzi pan-Ewropej dwar kwistjonijiet importanti tas-saħħa.

Finalment, **l-għotjiet diretti lill-organizzazzjonijiet internazzjonali** ntużaw biex jappoġġjaw il-kooperazzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet ewlenin tas-saħħa (primarjament il-ġbir u l-analiżi tad-data tas-saħħa).

Tabella 1: In-nefqa tat-Tieni Programm tas-Saħħa, imqasma skont il-mekkaniżmu ta' finanzjament

Mekkaniżmu ta' finanzjament	Total	%
Proġetti	EUR 106 293 671.24	36 %
Offerti	EUR 72 053 873.45	25 %
Azzjonijiet konġunti	EUR 63 962 704.38	22 %
Għotjiet operattivi	EUR 20 825 185.85	7 %
Ftehimiet dwar għotjiet diretti	EUR 13 805 987.00	5 %
Għotjiet għal konferenzi	EUR 5 268 308.14	2 %
Oħrajn ⁵	EUR 11 693 227.81	4 %
Total	EUR 293 902 957.87	100 %

2.3. Riżultati tal-programm

Il-Programm iġġenera għarfien u evidenza utli biex iservi bħala bażi għal tfassil ta' politika informat u riċerka ulterjuri. Dan ħa l-forma tal-aħjar Prattiki, għodod u metodoloġiji li jgħinu biex jiggarantixxu benefiċċji kemm għal komunitajiet tas-saħħa pubblika kif ukoll għaċ-

⁵ "Oħrajn" jinkludu azzjonijiet iffirmati u impenjati mid-DG SANTE u miċ-CHAFEA, bħal indennizzi speċjali lill-esperti għall-partiċipazzjoni fi u ħidma tagħhom għal kumitati xjentifiċi tal-UE, ftehim amministrattiv maċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta, pubblikazzjonijiet u inizjattivi ta' komunikazzjoni varji biex jiġi promoss it-Tieni Programm tas-Saħħa, is-sub-delegazzjonijiet għall-Eurostat, eċċ.

ċittadini direttament (pereżempju, fir-rigward ta' titjib fit-testijiet dijanjostiċi, appoġġ lill-Istati Membri biex jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar il-kanċer, it-titjib fil-kura tal-pazjenti, eċċ). Dan appoġġja l-għarfien u sostna attivitajiet ta' netwerking (pereżempju billi jikkofinanzja konferenzi pan-Ewropej u netwerks bħal dawk fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-promozzjoni tas-saħħa). Barra minn hekk, dan appoġġja l-ġbir ta' dejta komparabbli madwar l-Unjoni, billi kopra ħafna Stati Membri u pprova informazzjoni għal skopijiet ta' tfassil ta' politika, pereżempju, indikaturi bażiċi tas-saħħa Ewropej (ECHIs) u l-bażi tad-dejta ORPHANET dwar il-mard rari, u pproduċa materjali ta' taħriġ/edukattivi (pereżempju, biex iħarrġu lill-professjonisti tas-saħħa dwar is-saħħa ta' migranti u minoranzi etniċi) u gwida. Finalment, dan appoġġja t-tisħiħ tal-kapaċità tas-saħħa pubblika fuq diversi livelli (pereżempju, billi rawwem it-tħejjija tal-Istati Membri f'każ ta' emerġenzi tas-saħħa) permezz ta' taħriġ u skambju ta' għarfien bejn l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa fl-Istati Membri.

3. Evalwazzjoni tal-programm

Evalwazzjonijiet indipendenti esterni saru f'nofs it-terminu (fl-2010-2011) u ex-post (2014-2015). It-tnejn taw valutazzjoni pożittiva tal-Programm, b'ċerti limitazzjonijiet. Ikkonfermaw ir-rilevanza tal-azzjonijiet iffinanzjati, għalkemm enfasizzaw in-nuqqasijiet fid-disinn tal-Programm (kamp ta' applikazzjoni kbir u objettivi speċifiċi mhux espliċiti). Ikkonkludew li l-Programm wera l-valur miżjud tal-UE primarjament fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki, l-istabbiliment ta' punti ta' riferiment għat-teħid tad-deċiżjonijiet aħjar kif ukoll in-netwerking iżda f'livell aktar baxx fir-rigward tal-innovazzjoni, il-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa tal-UE u ekonomiji ta' skala, filwaqt li l-azzjonijiet li jkopru t-theddid transkonfinali għas-saħħa u l-moviment liberu tal-persuni ġew sottorappreżentati. Ikkonkludew li ma jistax ikun li kull ħtieġa rilevanti twassal għal azzjoni li jkollha impatt; huma biss l-azzjonijiet li għandhom valur miżjud tal-UE li għandhom il-potenzal li joħlqu impatt fuq il-politiki tas-saħħa tal-Istati Membri. L-impatt jiddependi fuq l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riżultati mill-Istati Membri. Għalhekk, id-disseminazzjoni lill-partijiet interessati rilevanti, b'mod partikolari lill-awtoritajiet nazzjonali tas-saħħa, li jstabbilixxu u jimplementaw politiki nazzjonali dwar is-saħħa, hija importanti. Fir-rigward tal-involviment mal-partijiet interessati rilevanti l-azzjonijiet tal-Programmi kienu ta' suċċess f'livelli differenti. Fattur ieħor li qiegħed jinfluwenza l-adozzjoni mill-Istati Membri huwa l-involviment tagħhom fl-azzjonijiet, li żdied permezz ta' fokus aktar b'saħħtu fit-tieni nofs tal-Azzjonijiet Konġunti.

3.1. Valutazzjoni globali

It-Tieni Programm tas-Saħħa jirrifletti l-iżvilupp tal-politika dwar is-saħħa tal-UE, li apparti mill-approċċ klassiku għas-saħħa pubblika (il-promozzjoni u l-prevenzjoni tal-mard, il-ġlieda kontra l-mard li jittieħed u t-theddid transkonfinali għas-saħħa, is-sigurtà tal-pazjenti) - jenfasizza wkoll kwistjonijiet oħrajn tas-saħħa li jirriżultaw mill-ħtieġa għall-innovazzjoni u l-immodernizzar tas-sistemi tas-saħħa filwaqt li tinżamm taħt kontroll in-nefqa fuq is-saħħa, u jiġu ottimizzati l-azzjonijiet f'oqsma bħall-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa (HTA), is-saħħa elettronika u d-direttiva transkonfinali⁶ għas-saħħa u d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE. Il-Programm immobilizza partijiet interessati rilevanti fi 28 Stat Membru (il-maġġoranza kbira minnhom mill-Istati Membri tal-UE 15 aktar milli mill-Istati Membri tal-UE 12) u tliet pajjiżi tal-ŻEE-EFTA (in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liċtenstein). Dan kopra għadd ta' punti ta' tħassib komuni dwar is-saħħa (jiġifieri, dwar mard kroniku serju, is-saħħa ta' populazzjoni li qiegħda

⁶ Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45-65).

tixjiĥ, l-iżvilupp tal-kapaċità ta' rispons għal theddidiet transkonfinali tas-saħħa), ipprova firxa wiesgħa ta' għodod utli (jiġifieri l-bażi ta' dejta dwar l-informazzjoni tal-UE għall-mard rari⁷ u l-aħjar prattiki (jiġifieri, għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-HIV/AIDS⁸, l-indirizzar tal-obeżità⁹ jew l-applikazzjoni tal-iskrinjar tal-kanċer) għall-użu fil-livell nazzjonali u dak reġjonali, u ppromwova l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istati Membri biex il-kwistjonijiet tas-saħħa bħall-inugwaljanzi tas-saħħa¹⁰, is-saħħa mentali¹¹, ix-xjuħija, eċċ. jinżammu prijorità fuq l-aġenda tagħhom.

Madankollu, iż-żewġ evalwazzjonijiet enfasizzaw li n-nuqqas ta' objettivi espliċiti u indikaturi ta' progress fit-tfassil tal-Programm wassal għall-proliferazzjoni ta' prijoritajiet u għamilha diffiċli biex jiġu ddefiniti r-riżultati ġenerali b'mod sinifikanti.

3.2. Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu¹²

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu inkludiet numru ta' rakkomandazzjonijiet biex ittejjeb il-prijoritizzazzjoni tal-ħtiġijiet, tistabbilixxi objettivi aktar immirati u aktar iffukati, tikkofinanzja inqas azzjonijiet, timmonitorja fuq il-bażi tal-indikaturi SMART u taqsam b'mod aħjar ir-riżultati.

Ir-rakkomandazzjoni pertinenti għas-simplifikazzjoni tal-prijoritajiet annwali, l-għoti ta' gwida aħjar għall-applikanti u l-iżgurar ta' disseminazzjoni aħjar tal-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, ġew implimentati immedjatament fil-programmi ta' ħidma annwali 2011-2013. Dan irriżulta f'fokus akbar (billi ġew limitati s-suġġetti dwar is-saħħa koperti) u konformità akbar mal-istrateġija Ewrope 2020. Is-CHAFEA tejbet il-gwida għall-applikanti u s-servizzi tal-help-desk għas-sejħiet, u kkonċentrat aktar fuq id-disseminazzjoni tar-riżultati.

It-tagħlimiet mill-evalwazzjoni ġew applikati fil-valutazzjoni tal-impatt mehmuża mal-proposta tal-Kummissjoni għat-Tielet Programm tas-Saħħa u gwidat it-tfassil tal-Programm il-ġdid. Bħala riżultat, ir-Regolament (UE) Nru 282/2014:¹³

- jipprevedi objettivi u indikaturi speċifiċi u espliċiti (l-Artikolu 3);
- jistabbilixxi numru ristrett ta' prijoritajiet tematiċi ċari (l-Anness I);
- jinkludi kriterji speċifiċi biex jitkejjel il-valur miżjud tal-UE (premissa 6) dwar il-prijoritizzazzjoni tal-ħtiġijiet (l-Anness II) u l-għoti ta' fondi;
- formalment jirrikonoxxi r-rwol tal-punti fokali nazzjonali (l-Artikolu 15); u
- jenfasizza l-ħtieġa għal titjib fid-disseminazzjoni tar-riżultati ta' azzjonijiet u l-komunikazzjoni korporattiva ġenerali dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni (l-Artikoli 13(4) u 9).

⁷ <http://www.orpha.net/consor/cgi-bin/index.php>

⁸ http://ec.europa.eu/chafea/documents/health/hiv-infopack_en.pdf

⁹ http://ec.europa.eu/chafea/documents/health/nutrition-physical-activity-2014_en.pdf

¹⁰ http://ec.europa.eu/chafea/documents/health/health-inequality-brochure_en.pdf

¹¹ http://ec.europa.eu/chafea/documents/health/mental-health_en.pdf

¹² Is-sejħiet u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ġew trażmessi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni kif meħtieġ mid-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE, b'dokument ta' ħidma tal-persunal SWD(2012) 83 finali tad-29 ta' Marzu 2012.

¹³ Ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar it-twaqqif ta' tielet Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1-13).

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tat-Tielet Programm tas-Saħħa, sejra tivvaluta jekk u sa fejn il-bidliet t'hawn fuq jikkontribwixxu b'mod effettiv għal implimentazzjoni mtejba u l-kisba tal-objettivi tal-Programm.

3.3. Evalwazzjoni *ex post*¹⁴

L-evalwazzjoni *ex post* analizzat aspetti ewlenin tal-implimentazzjoni tal-Programm, inkluż l-azzjonijiet ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mill-analiżi ta' nofs it-terminu. Din iffukat fuq il-ġestjoni tal-Programm, id-disseminazzjoni tar-riżultati tiegħu, l-effettività tal-Programm, u s-sinerġiji ma' programmi oħrajn tal-UE. Dan fisser li kien possibbli li wieħed jikkonċentra fuq kwistjonijiet li ma setgħux jiġu esplorati f'biżżejjed dettall fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol ta' evalwazzjoni preċedenti. Minħabba l-fatt li fis-saħħa r-riżultati u l-impatti jieħdu ħafna żmien biex jidhru, u li fi kwalunkwe każ l-impatt tal-Programm jiddependi fuq l-adozzjoni tar-riżultati tal-azzjonijiet mill-Istati Membri - aspett li huwa barra mill-kontroll tal-Programm, l-evalwaturi indirizzaw il-kwistjoni mill-perspettiva tal-perjodu ta' pprogrammar li jmiss u fittxew li jisiltu elementi għal fehim aħjar dwar kif il-Programm jista' joħloq impatt fuq il-politiki dwar is-saħħa fl-Istati Membri. Il-konklużjonijiet identifkaw kemm il-fatturi ta' suċċess kif ukoll fatturi li jinfluwenzaw b'mod negattiv l-impatt potenzjali tal-azzjonijiet ffinanzjati skont it-Tieni Programm tas-Saħħa. Dawk it-tagħlimiet sejrjn jintużaw għat-titjib tal-implimentazzjoni tat-Tielet Programm tas-Saħħa u sejrjn jikkontribwixxu għal tliet oqsma ewlenin ta' azzjoni msemmija hawn taħt.

(a) Sforzi ta' monitoraġġ, rapportar u disseminazzjoni mtejbin

Il-ġestjoni tal-Programm ġiet sostanzjalment imtejba. Il-prijoritajiet tal-Programm ġew issimplifikati fit-tieni nofs tal-perjodu matul l-inizjattivi tal-Ewropa 2020 u l-objettivi tiegħu għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Inġabret dejta ta' monitoraġġ (u dan qiegħed jissokta) u approċċ aktar sistematiku għall-ġbir, l-analiżi u l-użu regolari tagħhom sejrjn jipprovdu bażi ta' evidenza mtejba għall-istabbiliment ta' prijoritajiet annwali, għar-rapportar¹⁵ dwar outputs u riżultati, u għal disseminazzjoni aktar immirata lill-partijiet interessati rilevanti.

Is-suċċess tal-Programm jiddependi fil-parti l-kbira fuq ir-rieda tal-Istati Membri u pajjiżi parteċipanti oħrajn biex jilqgħu r-riżultati u jintegrawhom fl-inizjattivi u l-politiki nazzjonali (jiġifieri, il-gwida għall-iskrinjar tal-kanċer issa adottata mill-Istati Membri kollha; il-pjanijiet ta' tħejjija tal-Istati Membri biex jirrispondu għat-theddid u emerġenzi tas-saħħa). Għalhekk huwa importanti li l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom ikunu magħrufin sew mill-partijiet interessati ewlenin rilevanti. Dan huwa fundamentali għall-viżibbiltà u l-affidabbiltà tal-Programm fir-rigward tal-użu tar-riżorsi u fuq kollox l-utilità tiegħu.

Fis-sentejn li għaddew il-Kummissjoni intensifikat l-attivitajiet ta' disseminazzjoni. L-għodod ewlenin ta' disseminazzjoni kienu bażi ta' dejta tal-proġett tas-CHAFEA,¹⁶ fuljetti¹⁷ li ppreżentaw l-azzjonijiet ikkofinanzjati skont it-tema politika (pereżempju, inugwaljanzi tas-saħħa, mard rari, eċċ), l-organizzazzjoni regolari ta' "laqgħat ta'

¹⁴ Is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni finali huma diskussi fid-dettall fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni anness ma' dan ir-rapport.

¹⁵ Il-Kummissjoni tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Programm tas-Saħħa (ara http://ec.europa.eu/health/programme/policy/index_en.htm).

¹⁶ <http://ec.europa.eu/chafea/projects/database.html>.

¹⁷ http://ec.europa.eu/chafea/publications/publications_for_health_programme.html.

raggruppament" (cluster meetings)¹⁸ mal-ġurnalisti (pereżempju, trapjant ta' organu¹⁹ u HIV/AIDS)²⁰ u konferenza ta' livell għoli dwar il-Programm fl-2012²¹. Mill-2014, il-Programm appoġġja l-awtoritajiet tal-Istati Membri fl-organizzazzjoni ta' konferenzi u avvenimenti oħrajn²² billi ppromwova d-disseminazzjoni lil udjenzi ewlenin tar-riżultati tal-Programm dwar suġġetti speċifiċi tas-saħħa. Dan l-appoġġ intensifikat għall-isforzi ta' disseminazzjoni ta' azzjonijiet individwali wera li huwa utli u jgħin biex jestendi l-firxa tar-riżultati rilevanti. Madankollu, fid-dawl tad-diversità u l-firxa tal-azzjoni, ma jistgħux ipattu għall-fatt li ċerti proġetti ma wasslux ir-riżultati tagħhom lill-udjenzi speċifiċi li huma l-aktar rilevanti għalihom. Għalhekk, fit-Tielet Programm tas-Saħħa, huwa meħtieġ li minn kmieni, tiġi definita strateġija ta' disseminazzjoni effettiva minn kmieni għall-azzjonijiet kollha.

(b) Parteċipazzjoni mħeġġa tal-Istati Membri kollha u ta' pajjiżi parteċipanti oħrajn

Il-Programm huwa strument biex jappoġġja l-iżvilupp, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika fil-qasam tas-saħħa. Filwaqt li l-kompetenza f'dan il-qasam hija marbuta ħafna mal-Istati Membri, il-Programm għenhom biex jiżviluppaw inizzjattivi fil-livell Ewropew għal soluzzjonijiet aktar effettivi u aktar effiċjenti lejn tħassib komuni dwar is-saħħa, pereżempju, il-"Gwida Ewropea għal Programmi Nazzjonali ta' Kwalità għall-Kontroll tal-Kanċer", li tipprovdi sommarju għal dawk li jfasslu l-politika dwar il-prinċipji bażiċi ta' politika għall-kontroll tal-kanċer; għarfien aħjar tal-kwalità u l-effettività tas-sistemi għad-donazzjoni u t-trapjant tal-organi f'pajjiżi parteċipanti; għodod dijanjostiċi u netwerk ta' laboratorji biex tissaħħaħ it-tnejjija u l-kooperazzjoni tal-Istati Membri f'każ ta' theddid għas-saħħa; jew id-drittijiet ta' pazjenti li jkunu qed jgħixu u jaħdmu fi Stat Membru li mhuwiex tagħhom.

L-Istati Membri kollha, it-tliet pajjiżi taż-ŻEE-EFTA (l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja) u l-Kroazja pparteċipaw fil-Programm fi gradi differenti. Minkejja l-fatt li l-Istati Membri tal-UE 15 ipparteċipaw aktar mill-Istati Membri tal-UE 12 fil-programm b'mod ġenerali, u b'mod partikolari hađu pożizzjonijiet ewlenin bħala koordinaturi tal-azzjonijiet, il-Programm tas-Saħħa, permezz tal-Azzjonijiet Konġunti, kellu involviment oġġla milli l-Istati Membri tal-FP7 b'PDG/DNG baxx. Il-parteċipazzjoni tal-akbar għadd possibbli ta' pajjiżi toħloq l-ambjent ta' netwerking meħtieġ biex jiġi identifikat it-tħassib komuni dwar is-saħħa, jitqajjem għarfien dwar il-problemi tas-saħħa emerġenti ewlenin u jiġi trasferit l-għarfien sabiex jitjeb l-istatus tas-saħħa u jiġu indirizzati l-inugwaljanzi. Is-saħħa tista' tkun inċentiv intelliġenti għall-investment²³ fl-ekonomija u għandha rwol importanti fil-koeżjoni u l-inklużjoni Ewropea.

Fost ir-raġunijiet għall-parteċipazzjoni baxxa ta' xi Stati Membri, hemm iċ-ċirkostanzi ekonomiċi diffiċli. Biex tindirizza dan il-fatt, il-Kummissjoni inkludiet il-prinċipju ta'

¹⁸ Laqgħat organizzati f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru biex jipprovdu lill-ġurnalisti u lil udjenzi oħrajn interessati b'opportunità li jitgħallmu fuq il-politika dwar is-saħħa tal-UE u portafoll tal-azzjonijiet tal-Programm tas-Saħħa f'qasam speċifiku.

¹⁹ http://ec.europa.eu/chafea/health/EAHC_conference_2013_-_Transplantation_Blood_Transfusion.html.

²⁰ http://ec.europa.eu/chafea/health/hiv-athens-2014-presentations_en.html.

²¹ http://ec.europa.eu/health/programme/events/ev_20120503_en.htm.

²² http://ec.europa.eu/chafea/health/events_en.html.

²³ *Investing in health* (dokument ta' ħidma tal-persunal SWD(2013) 43 finali, 22.2.2013) http://ec.europa.eu/health/strategy/docs/swd_investing_in_health.pdf.

"utilità eċċezzjonali" fit-Tielet Programm tas-Saħħa attwali²⁴ bħala inċentiv finanzjarju biex tinvolvi lill-Istati Membri kollha. Jiem ta' informazzjoni biex jiġi promoss il-Programm għandhom ikompli jiġu organizzati fl-Istati Membri kollha u fil-pajjiżi parteċipanti, bl-għan li mill-inqas nofs dawn l-avvenimenti jseħħu fl-Istati Membri li ma ġewx rappreżentati biżżejjed fil-perjodu tal-Programm preċedenti. Aktar materjal ta' informazzjoni għandu jkun disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE.

Il-Programm huwa miftuħ ukoll il-bażi tal-ispejjeż bażiċi biss għal pajjiżi aderenti, kandidati u dawk potenzjalment kandidati, u dan iservi ta' mekkaniżmu li jista' jgħin lill-pajjiżi jadattaw għall-*acquis communautaire* fil-qasam tas-saħħa permezz tal-kooperazzjoni tagħhom mal-Istati Membri fi proġetti u azzjonijiet konġunti.

(c) Implimentazzjoni tal-Programm f'sinerġija ma' programmi oħrajn Ewropej u ma' prijoritajiet tal-Kummissjoni

L-adozzjoni tar-riżultati tal-Programm u l-integrazzjoni tagħhom fil-politiki nazzjonali tibqa' l-fattur determinati jekk il-Programm ikunx ta' suċċess jew le. Minħabba l-baġit limitat u l-ħtiġijiet u l-isfidi tremendi relatati mas-saħħa, l-iżvilupp ta' sinerġiji ma' programmi oħrajn biex jinxtardu ulterjorment ir-riżultati tiegħu, jiġi promoss l-użu tagħhom u titkompla l-ħidma fuqhom diġà ġie segwit b'mod aktar estensiv mill-Programmi ta' riċerka tal-Unjoni (FP7 u Orizzont 2020) u xi ftit inqas bil-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ESIFs).

It-tneħħija tas-"silos" u l-ħidma aktar mill-qrib ma' programmi oħrajn tal-Unjoni hija parti mill-viżjoni tal-Kummissjoni għall-eżekuzzjoni tal-10 prijoritajiet ewlenin tagħha²⁵ b'mod ikkoordinat. It-Tielet Programm tas-Saħħa joffri possibbiltajiet għal tali kooperazzjoni b'appoġġ għas-saħħa f'oqsma bħall-migrazzjoni, l-indirizzar ta' mard emerġenti relatat ma' fatturi ambjentali bħat-tibdil fil-klima, l-innovazzjoni fis-saħħa, ir-riforma fis-settur tas-saħħa u s-saħħa globali. Finalment, il-Programm jinvolvi valutazzjonijiet tas-sistemi tas-saħħa u jiġġenera għarfien speċifiku għall-pajjiż u bejn il-pajjiżi biex jinforma l-politiki fil-livell nazzjonali u dak Ewropej.

4. Konklużjoni

Fis-snin li ġejjin, il-Kummissjoni sejra tagħmel sforz partikolari biex ittejjeb il-monitoraġġ, ir-rapportar u d-disseminazzjoni, tappoġġja l-parteeipazzjoni ta' Stati Membri inqas attivi fil-Programm u tiżviluppa sinerġiji ma' programmi oħrajn tal-UE. Ir-riżultati u l-ideat li ġejjin mill-Programm jistgħu jiġu kkomunikati b'mod aktar attiv permezz ta' networks eżistenti ta' kuntatti fil-ministeri tas-saħħa u permezz ta' koordinazzjoni koerenti u komprensiva ma' atturi fil-programmi tal-Unjoni li jkopru, iżda ma jittrattawx esklussivament, is-saħħa.

Wara 18-il sena ta' Programmi tas-Saħħa tal-UE, fi tmiem it-Tielet Programm tas-Saħħa fl-2020, il-Kummissjoni sejra tivvaluta sa fejn l-ewwel tliet Programmi pproduċew impatti pożittivi fuq il-politiki tal-Istati Membri dwar is-saħħa b'mod effettiv, effiċjenti, koerenti u

²⁴ Il-Kummissjoni tipprovdi sa 80 % ta' kofinanzjament bħala inċentiv finanzjarju għal azzjonijiet konġunti li jinvolvu mill-inqas 14-il pajjiż parteċipant, li minnhom erbgħa huma Stati Membri b'DNG għal kull abitant taħt id-90 % tal-medja tal-Unjoni, u li għalihom jintefaq 30 % tal-baġit biex jiġu involuti tali pajjiżi (l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 282/2014).

²⁵ Ara http://ec.europa.eu/priorities/index_mt.htm

rilevanti waqt li jiġi żgurat il-valur miżjud tal-UE. L-arranġamenti ta' monitoraġġ għat-Tielet Programm tas-Saħħa sejrjn jintużaw biex jappoġġjaw din il-valutazzjoni usa'.